MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Numru 590/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Caruana**
**Spettur Ian Joseph Abdilla** **V**

**SAMUEL WALTER FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SAMUEL WALTER FARRUGIA** ta' dsatax il-sena bin Michael u Rita Josephine nee Zammit, imwieled Portsmouth l-Ingilterra, nhar t-tnax ta' Awissu 1963 u residenti 16, Triq Santa Klementina, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita numru 80294M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2003 u/jew fil-granet ta' qabel b'diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minghajr awtorizzazzjoni:

1. Uza computer jew xi taghmir jew apprat iehor biex tihdol f'xi data software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinsammu f'dak l-computer jew f'xi computer

iehor, jew uza, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk;

2. Talli ghamel output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg mill-computer li jkunu qeghdin jinzammu fih sew billi dawn jittellghu bi xhieha jew b'kull mod iehor li jkun;

3. Talli kkopja kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg ghal kull mdejum ta' hzin li ma jkunx dak li soltu jinzamm fih jew ghal mkien differenti fil-medjum ta' hzin fejn soltu jinzamm;

4. Talli gharraq t-thaddim ta' xi sistema, software jew l-integrita jew affidabilita ta' xi data;

5. Talli ha pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamel uzu minnhom;

6. Talli nstalla, nehha, biddel, ikkancella, qered, varja jew zied ma xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg;
7. Talli kixef xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg kemm il-darba dan ma kienx mehtieg fil-qadi ta' dmirijietu jew b'xi ligi ohra.

U dan meta tali atti jikkostitwixxu atti li b'xi mod ikunu ta' hsara ghal xi funzjoni jew attivita tal-Gvern jew jtellfu, jgharrqu jew jinterrompu b'xi mod li jkun l-ghoti ta' xi servizz jew utilita pubblici sew jekk dak is-servizz jew dik l-utilita jkunu provduti jew imhaddma minn xi enti tal-Gvern.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbilita mill-ligi, tordna wkoll l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil hati ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-ewwel ta' Dicembru 2003, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti tirrileva li tali reati huma serji hafna u jgibu maghhom piena ta' massimu ta' ghaxar snin prigunerija u multa sa hamsin elf lira maltin u ghalhekk l-Qorti trid tiehu hsieb wkoll l-interess tal-imputat li wara kollox jifforma parti integrali mis-socjeta li hi trid wkoll tiehu hsieb.

Il-Qorti trid tikkreja bilanc bejn l-interess tas-socjeta in generali u dawk tal-imputat odjern.

Ikkunsidrat ai fini ta' piena s-segwenti:

1. Il-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti bhala dokument CSH 1, liema fedina penali hija ndellibbli bla ebda tebgha ta' reat jew konravenzjoni registrata fuqha;
2. L-istqarrija tal-imputat rilaxxjata minnu nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2003 esibita fl-atti markata bhala dokument CSH 2 minn fejn jirrizulta l-kolloborazzjoni tieghu mal-Pulizija Ezekuttiva;
3. Illi l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputat f'dawn il-proceduri gew inizjati a bazi tal-ammissjoni tieghu stess waqt li rrilaxxja l-istqarrija tieghu esibita f'dawn l-atti markata bhala dokument CSH 2 kif del resto stqarr l-Ufficjal Prosekutur;

4. Il-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u sussegwentement tul il-proceduri l-Qorti u ghalhekk ma nhela ebda hin pressjuz tal-Qorti, u li ghalkemm ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem jew b'xi forma ta' dritt jew attendibilita ssarraf f'riduzzjoni fil-piena, ir-regolamenti generali jghidu li imputat ghandu jibbenefika minn skont fil-piena;
5. Il-fatt li ma gew kagjonati ebda danni pekunjarji konsegwenza ta' dan r-reat;
6. Illi l-imputat diga gie kastigat ghar-reati kommessi w ammessi minnu peress li kif jirrizulta mill-verbal maghmul minnu fl-atti ta' din il-kawza nhar l-ewwel ta' Dicembru 2003 huwa tkecca mill-Universita mill-kors li huwa kien beda wara li ghamel l-ezamijiet tal-ewwel sena tal-kors, w illum il-gurnata biex huwa jkun jista jkompli l-istudji terzjarji tieghu jrid isib Universita estera;
7. Illi minhabba l-agir tal-imputat gie espost is-sistema fjakka tas-sigurta li effettivament kellha l-Universita ta' Malta dwar l-uzu ta' computers u kieku l-imputat ma tkellimix kien ikun hemm diversi leakages fl-informazzjoni sigrieta tal-istess Universita ghad-detriment tal-istudenti kollha li jkunu qed isegwu korsijiet ohra.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li dawn ic-cirkostanzi specjali fuq imsemmija kollha huma ragunijiet validi ghall-mitigazzjoni fil-piena fil-konfront tal-imputat odjern.

Il-Qorti thoss li l-piena idoneja f'dawn c-cirkostanzi ghandha tkun wahda ta' prigunerija sospiza bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 337(c)(1)(a)(b)(c)(e)(f()(g) u (j) u 337F((2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat SAMUEL WALTER FARRUGIA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' tmintax il-xahar sospizi ghal tlett snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghar-rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti rat li ebda espert jew perit ma kien mahtur f'dawn il-proceduri tul l-kumpilazzjoni u ghalhekk tichad tali talba.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex tapplika il-provvediment tal-artikolu 8 tal-Kap 77 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe li l-piena inflitta ma tigix registrata fil-kondotta tal-imputat.**

**Il-Qorti nnotat li kif jirrizulta mill-verbal registrat fl-atti odjerni nhar l-ewwel ta' Dicembru 2003, l-Prosekuzzjoni ma kelliex oggezzjoni ghal tali talba.**

**Il-Qorti ezaminat l-artikolu 8 tal-Kap 77 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat li l-imputat odjern ghandu biss dsatax il-sena u ghalhekk in linea mas-sub inciz 9 tal-artikolu 8 tal-Kap 77 tal-Ligijiet ta' Malta, ghadu m'ghalaqx il-wiehed u ghoxrin sena, rat l-kondotta indellibbli tal-imputat u qisiet ix-xorta tad-delitt u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz li fihom jinstab l-imputat u tordna li l-kundanna odjerna ma tigix imnizzla fil-kondotta tal-istess imputat.**

**Ghar-rigward t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'kaz ta' htija, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti, il-Qorti nnotat li f'dawn il-proceduri ma gie esibit ebda dokument u ghalhekk mhux ser tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-**

**atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------